MALTA

# QORTI TAL-MAĠISTRATI (MALTA)
# BĦALA QORTI TA' ĠUDIKATURA KRIMINALI

**MAĠISTRAT DR.**
**MIRIAM HAYMAN**

Seduta tal-15 ta' Ottubru, 2003

**Il-Pulizija**
**(Sp. Alexandra Mamo)**

**vs**

**Raymond Galea ta' 43 sena, iben Emanuel u Lucy Busuttil, mwieled Zabbar fid-9.3.58, u joqghod Priscilla, Triq Sant'Antnin, Zabbar, detentur tal-karta ta' l-identita' bin-numru 237858(M).**

Il-Qorti,

Rat l-akkuza kontra l-hawn fuq imsemmi Raymond Galea li gie akkuzat talli f'dawn il-gzejjer, f'dawn l-ahhar xhur u cioe nhar il-Hamis 12 ta' April, 2001 u fix-xhur ta' qabel, mill-fond Ray's Video Centre, sitwat gewwa Triq il-Kunvent, Zabbar, b'diversi atti maghmulin fi zminijiet differenti, li jiksru l-istess dispozizzjoni tal-ligi u li gew maghmula b'rizoluzzjoni wahda:

(a) xjentement qieghed fic-cirkolazzjoni, biegh jew zamm ghandu ghall-bejgh, fil-fond Ray's Video Centre, sitwat fi Triq il-Kunvent, Zabbar jew importa ghal hsieb ta' kummerc, merkanzija b'marka, sinjal jew emblema imxebbhin b'qerq u cioe videos films ta' kumpaniji lokali u barranin, bi ksur tal-Artikolu 298(1) (f) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.
(b) Bi qliegh jew bi skop ta' kummerc, stampa, immanifattura, idduplika jew mod iehor ipproduca jew ikkopja, jew biegh jew qassam, mill-fond Ray's Video Centre, sitwat gewwa Triq il-Kunvent, Zabbar, jew mod iehor offra ghal bejgh jew biex iqassam xi artikolu jew xi haga ohra bi ksur tal-jeddijiet li johorgu mid-drittijiet tal-Awtur li jkollha persuna ohra protetta bil-jew taht il-ligi ta' Malta u cioe offra ghal bejgh u ghall-kiri video films ikkupjati, kemm lokali kif ukoll barranin, bi ksur ta' l-Artikolu 298B tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.
(c) Talli fl-istess data, lok u cirkostanzi cioe mill-fond Ray's Video Centre, sitwat gewwa Triq il-Kunvent, Zabbar ghal qligh jew ghat-tqassim, jew ghll-wiri f'post pubbliku jew f'post accessibbli ghall-pubbliku, immanifattura, stampa jew xort'ohra ghamel, jew dahhal f'Malta, jew akkwista, zamm, iccirkola jew esporta xi stampat, tpingija, ritratt, film kiteb, kartolina, jew kitba pornografika jew oxxena jew xi oggett iehor, ikun li jkun, pornografiku jew oxxen, kemm jekk jixbah lil dawn ta' hawn fuq kemm jekk le, dan ir-reat sar bi ksur ta' l-Artikolu 208(1) u (2) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.
(d) U aktar talli nhar il-Hamis 12 ta' April, 2001 u fix-xhur ta' qabel, minghajr il-licenzja tal-Kummissarju tal-Pulizija, zamm fil-fond Ray's Video Centre, sitwat fi Triq il-Kunvent, Zabbar, armi tan-nar jew munizzjon dan bi ksur ta' l-Artikolu 3 (1) tal-Kap 66 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat il-kunsens ta’ l-Avukat Generali biex din il-kawza tigi trattata bi proceduri sommarji.

Rat li l-akkuzat ma kellux oggezzjoni biex dawn il-proceduri jigu decizi bi proceduri sommarji.

Rat li l-istess Raymond Galea irregistra ammissjoni fis-seduta tal-15 ta’ Ottubru, 2003 u dan wara li gie moghti debita zmien jahseb fuq l-istess.

Rat l-akkuzi migjuba kontra l-istess Raymond Galea u cioe dawn kontemplati taht l-artikoli 298(1)(f), 298B Kap 9, 208 (1)(2) tal-Kap 9, 3(1) tal-Kap 66.

Qieset l-atti kollha tal-kawza, kkunsidrat dwar il-piena anke wara li semghet it-trattazzjonijiet tal-partijiet dwar l-istess u wara li rat il-fedina penali ta’ l-akkuzat, rat l-art 28A tal-Kap 9 u qeghda tikkundannah sitt xhur habs sospizi ghal sentejn.

Tordna l-konfiska ta’ l-oggetti esebiti.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------